Inti ħieles minn dal-jasar,
Jien ma nsiblek l-ebda dnewwa;
Int urejt li tħobb il-bniedem,
Kullma għamilt xieraq u sewwa.

Gawdi 'l Malta bħal missierha,
Dana l-isem minnha writtu,
Ibqa' hieni f'Malta tiegħek,
(Jien immur nieħu l-Eġittu.)

## KLIEM TA' XIH

*(Minn "Lapsi")*

Ixxalaw, ixxalaw, żgħażagħ,
Kemm bin-nhar u kemm bil-lejl:
Illum tagħkom u llum għoddu,
Xi jkun għada taħsbu xej'.

Kemm il jum minn fuqna jgħaddi
Afu, wliedi, hu mirbuħ:
Iżfnu, doqqu, għannu, tqabżu
Kemm ittikom qalb u ruħ.

Sa kemm jibqgħu s-snin il-ħodor
Ix-xalar la titilfux;
Meta tmil is-sieq għall-ħofra
Tkunu tridu u ma tistgħux.

## LIL ĠANNINA

Għaliex qalbek sewda
Il-lejla, Ġannina?......
Ej', ej nagħmlu dawra
Flimkien, o ħanina.

Ġo sema kaħlani
Bil-kwiekeb miżrugħ
Il-qamar qed jiddi
Fi ġmielu merfugħ:

U b'dawlu tal-fidda
L-art kollha mimlija,
Emminni, Ġannina,
Thennik dik id-dija.

Is-sema ta' Malta
Kemm haw' min jixtieq!
Mhux wieħed barrani
Marid taħtu fieq.

Ilgħala mnejn qiegħda
Iżda inti ma tqumx?......
Mur, mur ilbes l-abjad,
O qalbi, u la ddumx.

Xejn titlef żmien f'xagħrek,
Maħlul hekk ħallih,
Bil-kemm bil-kemm ħelwa
Hemm fewġa tar-riħ.

Ħlief daqq il-kitarri
Is-skiet ma jiksirx;
U l-baħar il-lejla
Ħlief żejt ma jidhirx.

Imxi, imxi, Ġannina,
U mmorru sax-xatt,
Għal hemm nara nieżel
Jitfarraġ kulħadd.

Bħal art tad-djamanti
Il-baħar tarah,
Il-qamar fih jiddi
U l-ġmiel kollu tah.

Xi għanja nisimgħu
Mill-baħar fil-bgħid
U għana l-imħabba,
Ġannina, inti trid.

Jien qalbi nħoss togħla
Bil-ġmiel ta' bil-lejl;
Togħla iżjed la nkunu
Flimkien — hekk — it-tnejn.

Il-ġmiel ta' dil-lejla
Ma tafx kemm hu kbir,
Id-diqa kif toħroġ
Minn qalbek ittir.

Għall-qalb wisq għażiża
Hi lejla bħal din,
Bil-ġmiel tagħha tfakkrek
Fis-sema l-ħanin.

Ej, ejja, għad-dawra
Sejrin ix-xebbiet;
Ġannina minn qalbek
Imurlek is-swied.

## IL-ĦANINA ĠOL-KALKARA

X'lejla din kemm hi sabiħa
Kif tistiednek għan-namur!
Bilġri, bilġri sal-Kalkara
Bil-kitarra ser immur.

It-tir spara, l-għaxra darbu,
Ara l-ħin kif qarraq bija!
Lejn il-Belt nara n-nies ġejja
Iżda aħjar, aħjar għalija.

O tad-dgħajsa, fittex aqla'
Għall-Kalkara l-pruwa dawwar,
Għax il-lejla lill-ħanina
Żewġ għanjiet feħsiebi nsawwar.

Fittex aqdef, fittex aqdef,
Il-ħanina tistennieni,
Tridx jewwilla niġi ngħinek
Sabiex nasal aktar kmieni?

Ma tinsabx għaġġla hekk kbira,
Daqs il-għaġġla tan-namrat;
Ta' għasfur jixtieq il-ġwienaħ,
Jew il-ħeffa ta' fatat.

Jien inħossni ngħinek b'qalbi
Meta tiġbed il-moqdief:
Haw' niżżilni... aktar mid-dgħajsa
Għandi jien riġlejja ħfief.